MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2013

Numru 791/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Ian Saliba**

**Illum, 20 t' Awwissu, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Ian Saliba ta' 29 sena, bin Carmelo u Lorenza xebba Sultana, imwieled Pieta' fit-13 ta' Novembru, 1983, residenti gewwa l-fond numru 45 St Anthony, Flat 4E, Triq il-Monsinjur Dandria Msida u detentur ta' karta ta' identita' numru 571783(M).

Akkuzat talli nhar is-19 t' Awwissu 2013 ghall-habta ta' bejn it-03:30am u l-4:30am gewwa San Giljan:

1 Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2 U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur ta' artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3 U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 345 Mark George Cremona f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess PC 345 Mark George Cremona, liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk kif iccertifika Dr Valerio Vella Catalano detentur ta' numru ta' registru mediku 1931 u dan bi ksur ta' artikoli 221(1) u 222(1)(c) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.
4 U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 845 Ian Vella u PC 345 George Mark Cremona, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara, u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5 U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6 U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittima tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, u dan bi ksur ta' artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 95(1), 96, 221, 222(1)(c), 338(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, kif ukoll l-eventwali koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95(1), 96, 221, 222(1)(c), 338(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sena, u multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€250).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------